# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru**

**Citazzjoni Numru 660/93 AF**

**Francis Montanaro u Martin Fenech**

**v.**

**Carmelo Mifsud**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut mis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru 2011, li permezz tieghu qed jitlob lil din il-Qorti tawtorizzah iressaq prova dwar it-tul taz-zmien li kien fadlilha l-barriera li dwarha saret il-kawza u li tbiddel is-sentenza

msemmija billi fil-waqt li tikkonferma c-cahda tal-ewwel talba, thassar dik il-parti li fiha cahdet l-eccezzjonijiet tieghu billi tilqa' l-istess eccezzjonijiet u tichad it-talbiet attrici; l-attur Montanaro flimkien mar-risposta tieghu intavola appell incidentali u qed jitlob ukoll li l-Qorti tilqa' l-ewwel talba tieghu u anke li tordna hlas akbar in linea ta' danni fir-rigward tat-talbiet l-ohra tal-atturi;

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni ta' Francis Montanaro u Martin Fenech li permezz taghha, wara li ppremettew illi:

"Bejn il-kontendenti kien jezisti rapport guridiku li nholoq in virtu' ta' ftehim bejniethom li bih l-atturi kellhom jaqtghu l-gebel mill-barriera, li dak iz-zmien kienet mhux uzata, imsejha tal-Isqof, limiti tal-Imqabba;

"Minhabba l-istess rapport guridiku, sar investiment ta' kapital u xoghol mill-atturi, u minhabba d-dolo tal-konvenut u azzjoni llegali tieghu ta' spoll ghad-dannu tal-istess, u l-konsegwenti azzjonijiet gudizzjarji li intemmu bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Marzu 1993, meta intemm l-istess rapport guridiku, il-beneficcju kbir li kien sar fl-istess barriera baqa' jitgawda mill-konvenut u dan jikkostitwixxi arrikkiment indebitu da parti tal-konvenut a spejjez tal-atturi;

"Bl-agir tieghu, il-konvenut meta kkommetta spoll u cioe' l-ezercizzju arbitrarju ta' dritt li jippretendi li kellu, reat kontinwat, protratt fiz-zmien, ikkawza danni lill-atturi, kif jigi ppruvat;

"Ma hemm l-ebda raguni fil-ligi ghala ghandu jibqa' jissustisti dan l-istat ta' fatt, u ma jkunx hemm il-hlas lura lill-atturi tal-ammont ta' kapital u xoghol li altriment jibqa' minghajr raguni ghand il-konvenut, li ukoll ghandu jhallas id-danni kagjonati bl-azzjoni llegali tieghu.

"Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

“Tiddikjara li ghandu jkun hemm ir-restituzzjoni lill-atturi mill-konvenut tal-ammont li jirrizulta li bih sar l-arrekkiment indebitu ta’ da parti tal-istess konvenut ghad-dannu tal-atturi fl-investiment minnhom maghmul fil-barriera tal-Isqof limiti tal-Imqabba;

“Tiddikjarah responsabbli tad-danni sofferti mill-atturi, in konsegwenza tal-agir illegali tieghu.

“Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, u l-ammont dovut in via ta’ restituzzjoni tal-arrikiment indebitu, u dan ukoll permess ta’ periti li jigu nominati;

“Tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somom li jigu likwidati.

“Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-konvenut.

“Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Carmelo Mifsud li in forza taghha irrisponda illi:

“In via preliminari huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-kawza tinsab deserta ghat-tenur tal-Artikolu 963 tal-Kap.12.

“Sussidjarjament u fil-mertu illi t-talbiet attrici huma mhux biss infondati izda frivoli u vessatorji minhabba illi l-allegati danni u arrikiment indebitu jirreferu ghall-fatti li dwarhom gia’ hemm zewg sentenzi ta’ din l-Onorabbli Qorti, konfermati minn zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell permezz ta’ liema gie irrevokabbilment deciz illi l-ispejjez illi kienu ghamlu l-atturi fil-barriera imsemmija, kienu riskju ordinarju tan-negozju, illi dwarhom l-atturi ma jista’ jkollhom ebda dritt, u ghalhekk ghat-talbiet tal-atturi hemm l-ostakolu ta’ *res judicata*.

“Sussidjarjament ukoll it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-meritu ghaliex huma stess jghidu fil-paragrafu 3 tad-dikjarazzjoni guramentata taghhom, illi l-barriera kienet lahqet ittieklet kollha, u dan sar bilfors minnhom stess, u li a kawza ta’ dan huma ma kien fadlilhom ebda interess illi jkomplu jahdmu fiha. Illi ghalhekk, bi kliemhom stess, l-atturi qeghdin jammettu illi huma hasdu l-frott kollu li setghu jiehdu mill-investiment li jghidu li ghamlu, u jekk tali investiment swielhom hazin, dan certament mhux tort tal-konvenut, izda kif gia’ intqal huwa riskju li jinkombi lil kull min jidhol ghan-negozju.

“Rat id-dokumenti esebiti.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Gunju 1994 li permezz tieghu, il-konvenut irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni, cioe' din id-dezerzjoni.

“Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tal-21 ta’ Ottubru 1994, li permezz taghha giet michuda t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, cioe’ dik ta’ “*res judicata*”, bl-ispejjez kontra tieghu.

“Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Dicembru 1994, fejn gie nominat il-perit tekniku A.I.C. David Pace.

“Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-konvenut fit-28 ta’ Gunju 1995, li permezz taghha eccepixxa illi:

“It-talbiet attrici huma infondati u ghandhom jigu michudin bl-ispejjez ghaliex il-fatti veri tal-kaz ma jaghtux lok ghall-elementi legali rikjesti mill-azzjoni odjerna. Dan in vista tal-fatt illi ma kienx l-agir tal-konvenut li zamm lill-atturi biex igawdu l-frott ta’ hidmiethom, izda kienet l-inadempjenza kontrattwali taghhom stess li wasslet ghar-rexissjoni tal-kuntratt bejn il-partijiet.

“Rat ir-relazzjoni tal-fuq imsemmi perit tekniku A.I.C. David Pace minnu konfermata bil-gurament fl-20 ta’ Mejju 2009.

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-attur Francis Montanaro u l-konvenut Carmelo Mifsud.

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

“Ikkunsidrat illi l-kawza odjerna hija tappa ohra f’iter gudizzjarju bejn il-partijiet rizultat ta’ negozju li dahlu fih f’Mejju tal-1984 dwar barriera maghrufa bhala “Tal-Isqof” fil-limiti tal-Imqabba. Il-konvenut ipprovda l-barriera u l-atturi kellhom jahdmuha u jbieghu l-gebel ghall-kumpens stabbilit. F’perjodu wara li beda jopera l-arrangament bejniethom, inqalghu diffikultajiet fl-operazzjoni u sussegwentement fil-hlasijiet tal-kumpens. Inbdew proceduri gudizzjarji wara li l-atturi odjerni gew imcahhda milli jkomplu jaqtghu l-gebel u l-Qorti tal-Appell imbaghad f’kawza ohra waslet biex xoljiet il-ftehim originali minhabba n-nuqqas ta’ hlas. L-atturi issa qeghdin ifittxu l-konvenut ghall-arrikkiment indebitu u ghad-danni.

“<u>Arrikiment indebitu</u>

“Id-duttrina u l-gurisprudenza f’din il-materja huma ben stabbiliti. In-natura sussidjarja tal-azzjoni tesigi illi l-istess m’hijiex proponibbli meta l-attur jista’ jagixxi “ex contractu”. L-elementi essenzjali ghas-success tal-azzjoni huma (i) l-arrikkiment, (ii) in-ness ta’ kawzalita’ u (iii) il-karattru ingust tal-arrikkiment.

“Rassenja tal-gurisprudenza in materja saret b’mod estensiv ferm mill-Qorti tal-Appell fil-kawza Blye Engineering Co. Ltd. vs. Victor Balzan et (23 ta’ Gunju 2004) u ukoll fil-kawza Joseph Cachia vs. Yellow Fun Limited (10 ta’ Ottubru 2005). Ghall-insenjament hemm enunzjat din il-Qorti qed taghmel pjena referenza.

“Fil-kaz in ezami, it-talba tal-atturi a bazi ta’ arrikkiment indebitu tirreferi ghal xoghol u spejjez li huma esegwew u dahlu fihom sabiex ikunu

jistghu joperaw il-barriera. Dawn ix-xogholijiet kienu ovvjament relatati mal-ftehim li kellhom mal-konvenut odjern. Din il-Qorti tqis illi t-thammil, tindif, bini ta' kmamar u ripristinar ta' makkinarju ma kienx estraneu min-natura tal-ftehim li dahlu fih il-partijiet bejniethom. Jirrizulta mill-atti li l-ftehim milhuq bejniethom kien jipprevedi illi l-benefikati jibqghu fil-barriera minghajr ebda kumpens. Fil-kawza 700/86, l-attur Martin Fenech fil-21 ta' Lulju 1987 xehed hekk: "*Ta' dan ix-xoghol ma kellux jghaddi flus bejnietna.*"

"F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti tqis li t-talba dwar arrikkiment indebitu ma tistax tintlaqa'.

"<u>Danni</u>

"L-atturi qeghdin jirreklamaw danni minghand il-konvenut. Dan qed jaghmluh minhabba li bl-agir tal-konvenut huma gew imcahhda milli jqattghu gebel mill-barriera skont il-ftehim li kellhom.

"Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 4 ta' Marzu 1993 (kopja taghha esebita in atti a fol. 32) tikkonferma sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tad-19 ta' Settembru 1990 li permezz taghha gie konfermat id-dritt tal-atturi odjern li jahdmu l-barriera. Jirrizulta illi fl-1986 huma gew mizmuma milli jahdmu mill-konvenut odjern.

"F'dawn ic-cirkostanzi, l-uniku skrutinju li jinhtiegilha taghmel din il-Qorti huwa dwar il-likwidazzjoni tad-danni. L-abbli perit tekniku ikkalkula l-ammont dovut lill-atturi bhala l-ammont li kienu jaqilghu kieku baqghu jaqtghu l-gebel mill-barriera tul il-perjodu ta' kwazi seba' snin li tulhom huma kienu mcahhda milli jaghmlu dan. Il-kalkolu mill-perit sar a bazi tal-ammont li kellhom jaghtu lill-konvenut kull xahar bhala sehemu.

"Il-konvenut jissottometti illi d-dhul u l-qliegh sussegwenti li wiehed jista' jkollu mill-qtugh ta' gebel f'barriera m'huwiex relatat mat-tul tal-perjodu li ddum tinhadem il-barriera imma kemm ghandha gebel x'jinqata'.

"F'dan il-kuntest, il-Perit Tekniku jiffissa ammont "*arbitrio boni viri*" ta' sebgha u erbghin elf, seba' mija u erbghin Ewro (€47,740). Bhala espert in materia, il-Perit huwa l-uniku punt ta' referenza li ghandha l-Qorti f'din il-materia u dan stante li ma ntalbitx il-hatra ta' periti perizjuri.

"L-atturi qeghdin jirreklamaw ukoll imghaxijiet. Il-Qorti, minkejja li r-regola stabbilita tipprekludi dan a bazi tal-principju "in liquidandis non fit mora" ma tistax ma tapprezzax illi t-tul esagerat li damet din il-kawza ma kienx htija tal-istess atturi, u ghalhekk qieghda tordna li l-ammont dovut ghandu jithallas bl-imghax mis-sena 2000 (ara Mario Galea vs. Emanuel Fenech, deciza mill-Prim'Awla fis-16 ta' Jannar 2003).

"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

“1. Filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad l-ewwel talba tal-atturi ghaliex mhux misthoqqa;

“2. Tilqa’ t-tieni talba;

“3. Tilqa’ t-tielet talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta’ sebgha u erbghin elf, seba’ mija u erbghin Ewro (€47,740)

“4. Tikkundanna lil Carmelo Mifsud ihallas lil Francis Montanaro u Martin Fenech is-somma ta’ sebgha u erbghin elf, seba’ mija u erbghin Ewro (€47,740) Ewro bl-imghax mill-1 ta’ Jannar 2000.

“L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.”

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu talab kif gia` issemma’ illi din il-Qorti

“(i) B’applikazzjoni tal-Artikoli 681(a), 682(b) u 682(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tawtorizza l-prova tat-tul taz-zmien li kien ghad fadlilha l-barriera u l-konsegwenti qliegh li kien isir f’dak il-perijodu, bil-mezz ta’ periti godda;

“(ii) Wara li tiehu konjizzjoni tal-konkluzjonijiet tal-periti godda, jekk ikun il-kaz, tvarja u timmodifika s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Novembru. 2011, billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel talba attrici, thassar u tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni tal-ewwel Qorti li biha cahdet l-eccezzjonijiet tal-appellant u laqghet it-tieni, it-tielet u r-raba’ talba attrici, u dan billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-appellant u tichad ir-rimanenti talbiet tal-appellati;

“5.2. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.” (sic).

Rat ir-risposta tal-attur Fenech li permezz taghha talab il-konferma tas-sentenza;

Rat ir risposta tal-attur Montanaro kif rapprezentat (stante li huwa assenti minn Malta) li permezz taghha oltre li irrespinga l-kontenut tar

rikors tal-appell, ippropona, kif gia` issemma', appell incidentali fejn talab illi;

> "... ... ... din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja s-Sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Novembru 2011, billi tikkonfermaha fejn laqghet it-tieni, it-tielet u r-raba' talba tal-atturi, u thassarha u tirrevokaha in kwantu cahdet l-ewwel talba u in kwantu illikwidat, ghall-finijiet tat-tielet talba, id-danni dovuti lill-atturi fl-ammont ta' €47,740, u konsegwentement, permezz ta' dan l-Appell, l-appellanti jitlob umilment illi dina l-Onorabbli Qorti tilqa' wkoll l-ewwel talba tal-atturi u tillikwida l-ammont dovut lill-atturi, kif mitlub fit-tielet talba, in linea ta' restituzzjoni tal-arrikkimenti indebitu kif ukoll l-ammont dovut in linea ta' danni, anke billi, okkorrendo, tibghat l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex issir l-imsemmija likwidazzjoni mitluba fit-tielet talba tal-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut Carmelo Mifsud."

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

**AGGRAVJI TAL-KONVENUT**

L-appellant qed jappella mis-sentenza l-ewwelnett ghaliex qed jghid li l-ammont akkordat bhala danni mill-Ewwel Qorti huwa eccessiv a bazi tal-provi migbura minnha.  Dan wara li talab ukoll li jressaq provi godda dwar kemm kien baqa' zmien biex il-barriera tipproduci aktar materjal.

Il-Qorti l-ewwel se tiddelibera dwar it-talba tal-appellant biex iressaq provi dwar din il-kwistjoni illi ghadha kif issemmiet. L-artikoli msemmija mill-appellanti huma 681 (a), (b) u (c) tal-Kap. 12; dawn jghidu hekk:

> "**682.** *Fil-qorti fi grad ta' appell, il-prova bil-mezz ta' periti ma tistax issir, hlief fil-każijiet li gejjin:*
>
> > "*(a) meta din il-prova ma tkunx saret fil-qorti tal-ewwel grad, u ghaliha ma tkunx saret rinunzja espressa;*
> >
> > "*(b) meta l-oggett tal-perizja, f'kollox jew f'parti, ikun divers minn dak li fuqu tkun saret il-perizja fil-qorti tal-ewwel grad, jew li dwaru kien hemm rinunzja;*
> >
> > "*(c) meta l-ordni moghti lill-periti mill-qorti tal-ewwel grad ikun, fil-fehma tal-qorti fi grad ta' appell, nieqes jew mhux biżżejjed;*"

Huwa evidenti li f'din il-kawza ma japplikawx il-kondizzjonijiet imsemmija f'dawn is-sub incizi biex il-Qorti tippermetti lill-appellant iressaq il-prova li wera x xewqa li jaghmel; il-prova relattiva saret fil-kors tas-smigh tal-kawza u fuq kollox hemmhekk huwa kellu kull opportunita` jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu u jaghmel it-talba ghal periti addizjonali xi haga li naqas li jaghmel. Kif issemma' fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawzi fl-ismijiet **Paul Deguara v. Victor Magro** (23 ta' Gunju 2004) u **Master Electric Company Limited v. Camela Limited** (18 ta' Mejju 2005) il-Qrati taghna kienu cari dwar talbiet simili u infatti wiehed isib citat li;

> *"… … … il-Qorti jidhrilha li m'ghandhiex tezercita din id-diskrezzjoni moghtija lilha eccezzjonalment ghaliex hu car illi l-provi tal-kontendenti ghandhom jigu kollha prodotti fi stadju opportun tas-smigh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti fejn ic-cirkostanzi kienu tali li dak ix-xhud seta' facilment jigi prodott, u l-parti li tixtieq fi stadju ta' appell tipproducih, ghall-konvenjenza jew minhabba negligenza grassa tonqos li hekk*

> *tipproducih"* - **Avv. Dr Henry sive Eric Mamo nomine v. Joseph Muscat et.**, Appell, 5 ta' Ottubru 1998;

u f'sentenza aktar imbeghda fiz-zmien:

> "*e` necessario rapportarsi all'istante nel quale fosse sorto in lui l'interesse di fare quella prova, indipendentemente dalla sua opinione individuale circa la rilevanza o l'efficacia della prova medesima, siccome leggi d'ordine pubblico non ammettono estensione o restrizione nella loro applicabilita` da motivi d'indole privata o singolare"* (**Kollez Vol XXIV p I p 237**).

Ghalhekk it-talba relattiva qed tigi michuda.

L-appellant jilmenta principalment illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tadotta kompletament il-konkluzjoni tal-perit tekniku illi llikwida d-danni li ghandu jhallashom fis-somma ta' €47,740; jiccita l-Artikolu 681 tal-Kap. 12 illi jghid illi "*il-Qorti mhijiex marbuta li taccetta l-konkluzjonjiiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha innifisha*".

Stabbilit dan, huwa normali ghall-Qorti li f'kawza simili tahtar espert tekniku u waqt li huwa minnu li skont dan l-artikolu l-Qorti mhix marbuta li tadotta relazzjoni teknika hija ma tistax tiskartaha "*b'mod legger jew kapriccuz*". Dan intqal diversi drabi mill-Qorti tal-Appell f'dawn is-sentenzi fost ohrajn; **Anthony Cauchi v. Carmel Mercieca** – 6 ta' Ottubru 1999, **John Saliba v. John Farrugia** – 28 ta' Jannar 2000 u **Joseph Calleja nomine v. John Mifsud** – 19 ta' Novembru 2001, **Benjamin Camilleri nomine v. Charles Debattista nomine** – 9 ta'

Frar 2001. Fis-sentenza tal-istess Qorti tat-23 ta' Gunju 1967 fl-ismijiet **Giswalda Bugeja v. Emanuele Muscat et.** intqal illi "*il giudizio dell' arte espresso mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandhux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ta' periti addizjonali, jigi skartat facilment, ammennoke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*". *(*Ara wkoll **Josephine Micallef v. Louis Zammit**, deciza fil-11 ta' Ottubru 2010 mill-Prim' Awla) sussegwentement konfermata minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2014.

L-appellant fir-rikors tieghu jiggustifika l-fatt li ma ghamilx it-talba ghal periti addizzjonali ghaliex qaghad jistenna r-risposti tal-perit tekniku ghall-mistoqsijiet li ghamillu in eskussjoni; jghid li sakemm inghataw dawn ir-risposti kien lahaq ghaddielu t-terminu relattiv ghat-talba ta' periti addizjonali. Dan il-fatt pero` huwa imputabbli lill-istess appellant ghaliex huwa kellu kull opportunita` jaghmel it-talba fil-hin minghajr ma jirrinunzja ghall-mistoqsijiet in eskussjoni. Ladarba z-zmien ghat-talba ghal periti addizzjonali huwa indikat car u tond fil-ligi, l-appellant messu ghamel dik it-talba f'dak iz-zmien.

Stabbilit dan ukoll, allura l-Qorti trid tezamina jekk tasalx biex taqbel mal-Ewwel Qorti fl-addozzjoni tal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku. L-

appellant jissottometti illi l-ammont likwidat kien esagerat ghaliex il-perit tekniku ma hax konjizzjoni ta' kemm kien baqghalha zmien trendi l-barriera u tal-prezz li setghet iggib il-gebla li kien fadal. Fir-rikors (u anke fit-trattazzjoni orali tal-abbli difensur tieghu) zied jghid li, fir-risposta ghad-domanda tieghu in eskussjoni, l-istess perit irrisponda li dawn il-konstatazzjonijiet ma kienux parti mill-inkarigu tieghu u dan skont l-appellant ma kienx il-kaz u l-perit kellu jiehu dawn il-fatturi in konsiderazzjoni biex jasal ghal-likwidazzjoni tad-danni.

Il-perit biex wasal ghal-likwidazzjoni tad-danni, ghamel kalkolu fuq kemm kien jitlob l-istess konvenut li jithallas fl-atti tal-kawza fl-istess ismijiet (numru 700/86), meta talab is-somma ta' €11,784.88 ghall-perjodu bejn Ottubru 1984 sa April 1986; allura medja ta' €620 fix-xahar illi huwa immultiplikaha ghal sebgha u sebghin darba (cioe` sebgha u sebghin xahar bejn l-1986 u l-1993) u kwindi minn meta l-atturi gew imcahhda milli jkomplu juzaw il-barriera sakemm inghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1993 li iddikjarat li huma kellhom id-dritt li jkomplu joperawha.

Il-Qorti qabel xejn tiddikjara li ma kienx korrett il-perit tekniku meta qal li l-kwistjonijiet imsemmija ma kienux parti mill-inkarigu tieghu. L-inkarigu tieghu kien li jirrelata dwar it-talbiet attrici kollha u allura kellu jiehu in konsiderazzjoni kull fatt li seta' jaffettwa l-esekuzzjoni tal-hatra u l-

inkarigu tieghu. Ma hemmx dubbju allura, li l-istat tal-barriera fiz-zmien li l-atturi gew imcahhda mill-uzu taghha kien fattur importanti ghal dan l-iskop. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti il-mod kif wasal ghall-konkluzjoni tieghu dwar id-danni kien xi ftit jew wisq approssimattiv. Dan ghaliex fil-waqt li kien korrett u logiku li jibbaza l-likwidazzjoni tad-danni fuq l-ammont pretiz mill-istess konvenut ghall-perjodu sa April 1986, kien x'aktarx azzardat li jkompli ghaddej bl-istess rata sal-1993.

Dan johrog mill-istess dikjarazzjoni guramentata tal-atturi (senjatament mahlufa mill-attur Montanaro) f'din il-kawza; infatti fit-tielet paragrafu, huwa jiddikjara hekk; "*Meta gejna biex tinqata' l-kawza tal-appell, il-barriera kienet gia` ittieklet hafna minna u ghalhekk lanqas kellna interess illi inkomplu f'dan ix-xoghol*". Dan ghalhekk ifisser li fl-1993 l-istat tal-barriera ma kienx l-istess kif kien qabel u allura l-appellant ghandu ragun jilmenta li l-ammont likwidat huwa aktar mid-dovut. Din il-Qorti bil-fors ikollha tillikwida l-ammont komplessiv "arbitrio boni viri" kif fuq inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Margaret Camilleri et v. The Cargo Handling Company Limited** (Prim' Awla, 13 ta' Ottubru 2004). F'dik il-kawza l-Qorti fost affarijiet ohra qalet ukoll li;

> "... ... ... *ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema ta' ligi taghna l-poter diskrezzjonali illi jilliwkida t-telf u l-qliegh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. .. Indiskutibilment il-gudikant ma jistax lanqas f'dawn il-kazi ma jipprexxindi mill-fatt illi l-parti istanti mhiex esonerata mid-dmir illi li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dak il-fattijiet li tkun taf bihom ghall iskop a' determinazzjoni ta' telf. Minn naha tieghu il-gudikant hu tenut jaghti piz debitu lill dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwisiti*

> *fil-process.*" Il-Qorti f'din is-sentenza, iccitat ukoll sentenzi riportati fil-**Vol XXXV pt iii** pagna 615 u **Vol XXIX-i-1285**.

Ghalhekk il-Qorti fil-waqt li taqbel li ghall-perjodu bejn Ottubru 1984 u April 1986 l-ammont dovut ghandu jkun €620 fix xahar l-istess ammont ma ghandux ikun applikabbli ghas-sebgha u sebghin xahar kollha indikati; fil-fehma ta' din il-Qorti, ghall-kumplament tal-perjodu sal-4 ta' Marzu 1993 l-ammont li ghandu jigi likwidat ghandu jkun ibbazat fuq medja ta' €480 fix-xahar; ghalhekk 620 multiplikat b'19 u 480 multiplikat b'58 li b'kollox iwasslu ghas-somma ta' **€39, 620**.

Is-sentenza appellata akkordat ukoll imghaxijiet mis-sena 2000 ghar-ragunijiet indikati fl-istess sentenza – izda ghalkemm id-difensur tal-appellant ghamel referenza ghal dan fit-trattazzjoni orali tieghu, ma hemm indikat xejn fir-rikors tal-appell dwar dan u ghalhekk dan ma hux aggravju li din il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni tieghu. Kif intqal fil-kawza **Pulizija v. Darren Attard** deciz fit-3 ta' Settembru 2001 mill-Qorti tal-Appell Kriminali: "*Hija gurisprudenza kostanti li galadarba tigi specifikata r-raguni, jew jigu specifikati r-ragunijiet, tal-appell, l-appellant ikun marbut b'dik ir-raguni jew b'dawk ir-ragunijiet, fis-sens li tkun biss dik ir-raguni jew dawk ir-ragunijiet li jistghu jigu kkonsidrati minn din il-Qorti, salv, naturalment, aggravju jew aggravji li jistghu jitqiesu li huma komprizi u involuti fl-aggravju jew fl-aggravji kif specifikati*". Dan anke minhabba l-fatt li fil-kamp civili, l-appellat ghandu jkun f'pozizzjoni li

jirrispondi ghall-aggravji kontenuti fir-rikors tal-appell u mhux jigi rinfaccjat b'aggravji godda waqt it-trattazzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti se tilqa' l-appell indicentali limitatament ghad-danni li ghandu jhallas l-istess appellant.

**APPELL INCIDENTALI**

Kif inghad, l-attur Montanaro ippropona appell incidentali fejn talab li din il-Qorti tbiddel dik il-parti tas-sentenza fejn giet michuda t-talba tieghu u tal-attur l-iehor ghall-kumpens dwar arrikkiment indebitu u li din il-Qorti tawmenta l-ammont akkordat mill-Ewwel Qorti bhala danni. Dwar it-tieni talba, din il-Qorti gia` ghamlet il-hsibijiet u l-konkluzjonijiet taghha cari aktar qabel meta iddeliberat dwar l-appell principali u allura ma hemmx lok ta' deliberazzjonijiet ulterjuri f'dan l-istadju. Dak l-aggravju huwa ghalhekk respint.

Dwar it-talba attrici ghall-kumpens ghall-arrikkiment indebitu, din il-parti tal-azzjoni intentata mill-atturi hija dik hekk imsejjha *actio de in rem verso* u cioe` azzjoni deskritta bhala "*rimedju sussidjarju estiz ghall-kazijiet meta tkun avverat ruhha lokupletazzjoni effettiva ghad-dannu ta' haddiehor u ssib il-fondament taghha fil-principju "jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem*".

**Giuseppe Calleja v. Walter Zammit Tabona** Appell Kummercjali 5 ta' April 1957. Hi azzjoni li tista' tirnexxi biss meta mhix esperibbli l-azzjoni *ex contractu* **Rocco Bugeja v. George Micallef** Qorti Kummercjali 16 ta' Marzu 1950.

L-elementi ghas-success taghha kif gie riassunt fil-kawza **Doris Ellul v. Francis Camilleri** Prim' Awla – 3 ta' Ottubru 2003 huma dawn it-tlieta;

> "a. Li l-haga li tkun giet versata jew li tkun ghaddiet fil-patrimonju ta' haddiehor tirrizulta ta' vantagg u utilita` tieghu,
> "b. Li dak il-passagg tal-haga ikun sar b'titolu lukrattiv u
> "c. Li min irceviha jkun sar iktar sinjur b'dak li jghaddi ghandu."

Dawn ir-rekwiziti gew ukoll elenkati f'sentenzi ohra bhal per ezempju **Parnis v. Vella nomine**, Prim' Awla 30 ta' Novembru 1955 u **Zammit v. Balzan**, Prim' Awla 8 ta' Lulju 2004.

Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti kopjuzi tal-kawza inkluzi l-atti dotti prezentati quddiem din il-Qorti stess, qeghda taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti ghal diversi ragunijiet.

L-ewwelnett huwa car anke mid-depozizzjoni tal-attur Fenech fil-21 ta' Lulju 1987 fil-kawza 700/86 li l-ftehim bejn il-kontendenti kien li l-benefikati li kellhom necessarjament jaghmlu l-atturi, kellhom jibqghu fil-barriera minghajr ebda kumpens. Ladarba l-ftehim kien dan, ma hemm

ebda raguni ghaliex l-istess ftehim ma ghandux japplika anke f'dan ir-rigward. L-istess perit tekniku irrimarka li '*dawn l-ispejjez kollha huma spejjez normali inkorsi fil-gestjoni ta' attivita` kummercjali bhal ma hi l-operazzjoni ta' barriera tal-gebel. Ghalhekk f'dan il-kaz ma thalla ebda benefikat sabiex iservi ta' beneficcju lill-konvenut ghad-danni tal-atturi, izda biss dawn l-ispejjez gew ikkonsmati fl-operat tal-barriera*." Allura una volta kien hemm ftehim, ma jezistux il-presupposti biex jigu applikati l-principji tal-azzjoni "*de in rem verso*".

L-abbli difensur tal-appellant incidentali, fit-trattazzjoni taghha semmiet il-fatt li l-atturi damu biss cirka sentejn jahdmu l-barriera u allura l-benefikati li ghamlu ma gawdewhomx huma izda l-konvenut appellant. Madankollu dan ma jfissirx li l-ftehim ghandu jigi imwarrab f'dan ir-rigward, anke ghaliex ghalkemm huwa minnu li l-atturi ma damux jahdmu l-barriera daqs kemm forsi ipprospettaw meta sar il-ftehim, huma qed jigu ikkumpensati b'dawn il-proceduri ghaz-zmien li fih gew imcahhda mill-uzu tal-barriera. Ghalhekk dan ifisser li effettivament ghalkemm ma ghamlux uzu mill-barriera, se jigi jithallsu ghal dak iz-zmien li kellhom f'mohhom meta bdew jahdmuha.

L-appell incidentali kollu allura qed jigi michud.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tiddeciedi l-appell principali billi tilqghu limitatament billi tnaqqas l-ammont li ghandu jhallas il-konvenut appellant lill-atturi appellati ghas-somma ta' disgha u tletin elf, sitt mija u ghoxrin euro (**€39, 620**) bl-imghaxijiet kif decizi mill-Ewwel Qorti; tichad l-appell incidentali u ghalhekk ghall-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-Ewwel Istanza kif decizi mill-Ewwel Qorti stess; dawk tal-appell principali kwantu ghal tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) jithallsu mill-appellant u kwart ($^{1}/_{4}$) mill-appellati; dawk tal-appell incidentali ghandhom jithallsu kollha mill-attur Montanaro.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df